**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.**

**Illum 23 ta’ Settembru, 2002**

**Appell Nru 134/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Muscat**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Angelo Muscat talli fix-xhur immedjatament precedenti c-citazzjoni (li ggib id-data tal-31 ta’ Dicembru, 2001) u cioe` mill-31 ta’ Lulju 2001, meta kien hekk ordnat mill-qorti b’sentenza [recte: digriet] tal-31 ta’ Lulju, 2001 naqas li jaghti lil martu s-somma ta’ sittin lira (Lm60) fil-gimgha (Lm25 ghal martu u Lm35 ghal uliedu) iffissata mill-Qorti Civili, Sekond Awla, bhala manteniment ghal martu Rita u ghal uliedu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Angelo Muscat hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Angelo Muscat, minnu ppresentat fil-31 ta’ Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Settembru, 2002; ikkunsidrat:

B’digriet tas-Sekond Awla tal-31 ta’ Lulju, 2001 l-appellant gie ordnat ihallas *pendente lite* lil martu is-somma ta’ sittin lira fil-gimgha bhala manteniment ghaliha u ghat-tfal komuni taghhom, liema tfal, permezz ta’ l-istess digriet, gew fdati fil-kura u l-kustodja ta’ Rita Muscat. Jirrizulta mill-provi li mid-data tad-digriet sa meta xehdet Rita Muscat fl-udjenza tad-9 ta’ Settembru, 2002 l-appellant qatt ma taha sold bhala manteniment. Huwa qed jippretendi li l-ewwel qorti – cioe` il-Qorti tal-Magistrati – ma kelliex issibu hati kif sabitu peress li, qabel ma nghata d-digriet imsemmi mis-Sekond Awla,

martu kienet hadet taht idejha Lm3,000 appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti (skond hu, dawna hadithom "abusivament") u hu qatt ma talabhomla lura dawn it-tlett elef lira, jew ghall-anqas nofshom. Di piu` jikkontendi li martu ghandha f'idejha somma ohra ta' flus, u li hi tahdem bla ktieb. Meta xehed quddiem din il-Qorti l-appellant ammetta li minn mindu nghata d-digriet imsemmi hu qatt ma pprova jitlob varjazzjoni tieghu lill-Qorti Civili kompetenti.

Din il-Qorti difficilment tista' timmagina aggravju aktar fieragh minn dawk migjuba mill-appellant. L-ordni tas-Sekond Awla tal-31 ta' Lulju, 2001 kellu jigi skrupolosament osservat mill-appellant, u jekk kien hemm qabel jew jekk sehhew wara xi affarijiet li kienu jiggustifikaw varjazzjoni tad-digriet, huwa kellu, mhux jinjora dak l-ordni, izda jadixxi lill-qorti kompetenti sabiex id-digriet jigi mibdul. Anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, mart l-appellant qed izzomm ghandha abusivament nofs is-somma ta' tlett elef lira, din il-Qorti (bhall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) mhix il-*forum* kompetenti biex fih isiru indagnijiet ta' natura strettament civili, u biex jigu kkunsidrati l-veri htigijiet ta' mart l-appellant u ta' l-ulied komuni. Qorti ta' Gustizzja Kriminali meta rinfaccata b'akkuza taht l-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali, ghandha tillimita ruhha ghad-digriet jew sentenza tal-Qorti Civili kompetenti u (salv kazijiet eccezzjonalissimi li ma japplikawx f'dan il-kaz) tara biss jekk l-ordni kontenut f'dak id-digriet jew sentenza hux qed jigi skrupolosament osservat. Kif din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazzjoni li tosserva, ir-reat taht l-imsemmi Artikolu 338(z) huwa reat (ankorke` kontravvenzjoni) kontra l-ordni pubbliku u dan ghaliex meta persuna tonqos milli tobdi tali ordni tkun effettivament u principalment qed tisfida lill-qorti li tkun ghamlet dak l-ordni. L-appell odjern, ghalhekk, ser jigi respint.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fit-termini ta' l-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ihallas ammenda addizzjonali ta' hamsin lira (Lm50), konvertibbli f'ghaxart ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

Assistent Registratur